# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 8 ta' April 2021**

Appell numru 151/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Abdul Mohsin HAMAD**

**Simon Gatlaih DAK**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it- 13 ta' Settembru 2020 fil-konfront ta' Abdul Mohsin HAMAD ta' nazzjonalita' Sudaniża, detentur tan-numru tal-Pulizija 19HH-038 u Simon Gatlaih DAK, ta' nazzjonalita' Sudaniża, detentur tan-numru tal-Pulizija 19J-019 li ġew mixlija talli fit-12 ta' Settembru, 2020:

i. F’dawn il-Gżejjer meta kellhom fil-pussess tagħhom dokument maħruġ minn awtorita’ kompetenti, cioe passaport tas-Senegal bin-numru PC 587668 maħruġ f’isem Mbye Demba u passaport taljan bin-numru MD0007167 maħruġ f’isem Jaw Alagie ittrasferixxew dawn id-dokumenti lil persuna oħra jew irċievew dokument li ġie trasferit lilhom minn persuna oħra (Kapitolu 61, Section 3 tal-Liġijiet ta’ Malta).

ii. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlu użu jew ittantaw jagħmlu użu minn dokument maħruġ lil persuni oħra, cioe’ dawk l-imsemmija passaporti (Kap. 61, Section 4 tal-Liġijiet ta’ Malta).

iii. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi taw prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta’ fatti foloz lill-uffiċjali prinċipali tal-immigrazzjoni (Kap. 217, Section 32(1)(c) tal-Liġijiet ta’ Malta).

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, rat li l-imputati kienu debitament assisti mill-konsulenti legali tagħhom huma tennew li huma ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u wara li osservat dak li jiddisponu l-Artikoli 453(1) u 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali u assigurat li l-imputati kienu reġgħu tennew l-ammissjoni tagħhom, dik l-istess Qorti sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u wara li rat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 kif ukoll l-Artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta, ikkundannathom għall-piena ta’ sena priġunerija effettiva kull wieħed.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellanti appellaw minn din is-sentenza, limitatament dwar il-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma r-reita’ tal-

imputati in kwantu għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom iżda tirriduċi l-piena minn dik ta' sena priġunerija effettiva għall-perjodu ta' sitt xhur u dan wara li stqarrew is-segwenti:

i. L-ewwel żewġ akkużi huma mezz għall-fini u japplika l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali. Ma kellhomx travel document biex ikollhom oġġett prezzjuż iżda biex ikunu jistgħu jsiefru bih. Kollox huwa kompriż u nvolut fl-aħħar akkuża li ppreżentaw dokument falz lill-uffiċjali prinċipali tal-Immigrazzjoni u għalhekk kien applikabbli l-Artikolu 32(1)(ċ) tal-Kap. 217 liema artikolu jgħati l-piena ta' multa jew, priġunerija bla minimu. Ripetutament il-Qrati tagħna taw piena karċerarja effettiva iżda fil-limitu ta' sitt xhur.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi nhar it-12 ta' Settembru 2020, l-appellanti HAMAD u DAK inqabdu mill-Awtoritajiet tal-Immigrazzjoni Maltin, ħerġin mill-ajruport ta' Malta b'destinazzjoni l-Italja permezz tal-użu ta' passaporti ffalsifikati. Kemm HAMAD kif ukoll DAK stqarrew mal-Pulizija li dawn il-passaporti rispettivi kienu xtrawhom mingħand persuna oħra għall-prezz ta' ftit Ewro u li riedu jmorru jibdew ħajja ġdida ġewwa l-Italja. Dawn il-fatti jirriżultaw lil din il-Qorti mil-istqarrijiet li HAMAD u DAK rispettivament irrilaxxjaw mal-Pulizija (a fol. 15 et seq. tal-atti proċesswali).

5. Illi nhar it-13 ta' Settembru 2020, l-appellanti HAMAD u DAK irreġistraw ammissjoni inkondizzjonata fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom liema ammissjoni huma reġgħu tennew wara li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) wissiethom bil-konsegwenzi tal-ammissjoni tagħhom u tathom biżżejjed żmien

biex hekk jirriflettu fuqha. In fatti, l-appell tal-appellanti huwa bbażat interament fuq il-kwantum ta' piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

**Ikkunsidrat**

6. Illi l-appellanti jilmentaw kif il-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet al kwantu gravuża meta tqis illi l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet kellhom jitqiesu bħala mezz għall-fini sabiex jitwettaq ir-reat miġjub fit-tielet imputazzjoni. Din il-Qorti tosserva kif mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma jirriżultax ċar jekk in effetti qisetx l-imputazzjonijiet numru wieħed u tnejn bħala mezz għall-fini għall-imputazzjoni numru tlieta u kwindi jekk applikatx id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali meta ġiet biex tikkomina l-piena fil-konfront tal-appellanti rispettivament.

7. F'dawn l-aħħar snin reati ta' din in-natura żdiedu sew fin-numru tagħhom. Fl-istess waqt l-imġieba li twassal għall-kommissjoni tal-istess reati qegħda tiġi, għal raġunijiet li din il-Qorti mhix se tidħol fihom, sa ċertu punt banalizzati minn ċerti sezzjonijiet fis-soċjeta li qegħdin jippruvaw inessu jew jitrivjalizzaw l-importanza serja wara r-raġuni għaliex jeżistu dawn ir-reati.

8. L-interess ġuridiku aħħari tutelat b'dawn ir-reati huwa preċiżament is-salvagwardja tad-drittijiet tal-membri ta' dik is-soċjeta u tas-sigurta tagħhom u t'uliedhom. Hemm raġunijiet importanti għaliex il-Liġi ma tridx li persuni jitrasferixxu passaporti – ġenwini daqskemm foloz - lil persuni oħra u li persuni jirċievu dawn il-passporti minn min

jitrsferihomlhom. Daqstant ieħor hemm raġunijiet serji immens għaliex il-Liġi ma tridx li persuna tagħmel użu minn passport maħruġ f'isem persuna oħra jew li tuża passaport ta' ħaddieħor jew passaport falz meta tiġi biex issiefer minn pajjiż għall-ieħor : u li min jikser dawn il-Liġijiet jista' jeħel pieni ħorox.

9. Ir-reati ipotizzati fl-ewwel u fit-tieni imputazzjoni huma l-Artikolu 3 u 4 tal-Ordinanza dwar il-Passaporti, Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u jaqraw bis-segwenti mod:

> 3.Kull min –
>
> (a) meta għandu f'idejh passaport maħruġ lilu minn awtorità kompetenti jew le, jitrasferixxi dak il-passaport lil persuna oħra; jew
>
> (b) jirċievi passaport li jiġi ittrasferit lilu minn persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn.
>
> 4. Kull min jagħmel użu, jew jittenta jagħmel użu minn passaport maħruġ lil persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur.

10. Fl-Artikolu 3 tal-imsemmija Ordinanza, il-Leġislatur jikkontempla żewġ xenarji ċjoe dak ta' fejn persuna titrasferixxi lil persuna oħra xi passaport - kemm jekk dak il-passaport ikun maħruġ minn Awtorita' kompetenti u kemm meta ma jkunx - jew inkella dak ta' meta persuna tirċievi passaport li jkun ġie trasferit lilha minn persuna oħra. F'dan il-każ jirriżulta illi kemm HAMAD kif ukoll DAK irċevew passaport (f'isem ħaddieħor) mingħand persuna oħra u kwindi r-responsabbilta tagħhom tirriżulta pruvata sal-grad rikjest mill-Liġi.

11. L-Artikolu 4 ta' din l-Ordinanza jmur pass oltre fis-sens li jikkontempla sitwazzjoni fejn isir użu ta' passaport li jkun maħruġ lil persuna oħra – jiġifieri Tizio jagħmel użu jew jittanta jagħmel użu minn passaport maħruġ lil Caio. Hekk jirriżulta li kien l-aġir tal-imputati appellanti f'dan il-każ.

12. Wieħed mill-għanijiet aħħarija wara dawn id-disposizzjonijiet huwa li jiġi salvagwardjat il-prinċipju tal-verita, tal-ġenwinita u tal-awtentiċita wara l-identita u nazzjonalita tal-persuni li jkunu jridu jivjaġġaw minn pajjiż għall-ieħor. B'hekk dawn il-liġijiet iridu li jrażnu lil min mhux lest, għal raġuni jew oħra, li jimxi u jirrispetta dawn il-prinċipji tal-verita, ġenwinita u awtentiċita tal-identita u n-nazzjonalita tiegħu. Tista' persuna (li tkun onesta) li tkun trid tivjaġġja minn pajjiż għall-ieħor tagħmel dan mingħajr ma tiżvela l-vera identita u nazzjonalita' tagħha – u anzi tuża identita falza u dokumenti foloz? Huwa skont, u rispettuż, tal-prinċipju tas-sewwa u tad-Dritt li persuna żżur pajjiż ieħor bl-użu ta' dokumenti mhux tagħha? Ir-risposta li din il-Qorti tagħti huwa fin-negattiv, irrispettivament mill-motivi li din il-persuna jista' jkollha.

13. Parti mill-corpus delicti f'dawn il-każijiet huwa passaport. Ġeneralment passaport huwa meqjus bħala dokument li bih persuna tista' tuża sabiex tivjaġġa minn pajjiż għal ieħor, maħruġ minn Stat Sovran li, sakemm ma jkunx jgħid xort'oħra, jservi kemm bħala mezz u prova tal-identita tal-persuna li lilha jkun ġie maħruġ kif ukoll bħala prova tan-nazzjonalita' tal-persuna li lilha jkun ġie maħruġ dak il-passaport. Huwa dokument għalhekk li jinħareġ taħt l-Awtorita ta' Stat u li jatribwixxi fiduċja pubblika lil dak id-dokument fir-relazzjonijiet bejn Stati Sovrani biex bis-saħħa ta' dak id-dokument

l-Istat li jirċievi lil persuna li lilha jkun inħareġ dak id-dokument tkun tista' taċċetta fit-territorju tagħha lil dik il-persuna lil lilha jkun inħareġ dak id-dokument, bil-garanzija tal-Istat li jkun ħarġu.

14. L-oġġett ġuridiku tutelat fl-artikolu 3(a) tal-Ordinanza għalhekk huwa s-salvagwardja tal-garanziji tal-veraċita, l-integrita, l-awtentiċita u l-ġenwinita tad-dokument ossija l-passaport nonche tal-fiduċja pubblika imqegħda minn Stat Sovran fil-garanzija li jkun qed jipprovdi tal-veraċita, l-integrita, l-awtentiċita u l-ġenwinita tal-identita tal-persuna li tkun qed iġġorr dak id-dokument.

15. Imbagħad l-oġġett ġuridiku tutelat fl-artikolu 4 tal-Ordinanza huwa li jissalvagwardja l-użu xieraq ta' dan il-passaport mill-persuna li lilha jkun inħareġ b'mod għalhekk li jipprojbixxi li persuna tuża passaport maħruġ f'isem persuna oħra. Dan preċiżament għar-raġuni li jekk persuna tuża passaport maħruġ f'isem persuna oħra jiġu stultifikati kompletament il-garanziji li kull passaport iġorr miegħu kif hawn fuq imsemmija.

16. Hawnhekk kwindi si tratta ta' żewġ reati li ġuridikament jistgħu jissussistu separatament minn xulxin. Persuna tista' sempliċement titrasferixxi passaport lill-persuna oħra mingħajr ma tkun għamlet xi użu hi minn tali passaport għajr ħlief dak l-istess att ta' trasferiment (l-Artikolu 3(a) u persuna tkun tista' biss irċeviet tali passaport (l-Artikolu 3(b)) mingħajr ma tagħmel użu ulterjuri minnu.

17. Iżda jista' jagħti l-każ, kif jirriżulta komunement mill-fattispecie ta' din ix-xorta, li l-persuna li tkun irċeviet tali passaport tgħaddi imbagħad għal azzjoni suċċessiva li tagħmel użu ieħor minnu f'liema

każ allura kemm id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3 u 4 tal-Ordinanzja jiġu integrati.

18. Iżda f'każ li persuna tagħmel użu minn passaport mhux maħruġ minn Awtorita' kompetenti - u kwindi passaport falz – ikun jirriżulta wkoll ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe' l-Att dwar l-Immigrazzjoni in kwantu tali użu jammonta għall-għoti ta' informazzjoni jew dikjarazzjoni falza. Dan peress li l-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi r-reat ta' kull min

> dwar xi informazzjoni li għandha tiġi mogħtija skontjew għall-finijiet ta' dan l-Att, tagħti jew iġġiegħel lijingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz;
>
> tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta uerbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jewpriġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multau priġunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita għal dak ir-reat piena akbar b'liġi oħra:

19. Issa, l-appellanti jikkontendu li *una volta* huma effettivament waslu sabiex jagħmlu użu mill-passporti rispettivi maħruġa lilhom bi ksur tal-Artikolu 3(1)(b) tal-Kapitolu 61, dan ikun ifisser allura li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha tikkunsidra bħala r-reat l-aktar gravi dak ikkontemplat fl-Artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali. Issa, l-aġir tal-appellanti ai termini tal-Artikolu 3(b) tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta huwa passibbli għal piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn. L-użu ta' tali passport imbagħad huwa soġġett għal piena ta' mhux aktar minn sitt xhur skont l-Artikolu 4 tal-imsemmi kapitolu. It-tielet imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti ġġorr piena ta' multa ta' mhux iżjed minn Ewro 11,646.87 jew

priġunerija għal żmien ta' mhux iktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

20. Għaldaqstant, kemm-il darba din il-Qorti taqbel mal-argument tal-appellanti illi l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet kellhom jitqiesu bħala mezz għall-fini, ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, ir-reat l-aktar gravi huwa dak ikkontemplat fit-tielet imputazzjoni.

21. Issa, dwar jekk l-appellanti għandhomx raġun li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala mezz għall-fini, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Luwru Adam, Omissis, Omissis**[1] fejn hemmhekk, bl-istess mod bħall-appellanti fil-każ in diżamina, Luwru Adam kien akkużat bir-reati ipotizzati fl-Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 u 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti qalet hekk:

> Issa, ghalkemm l-ewwel Qorti ma indikatx li kienet qed tqis r-reati bhala mezz ghall-fini skond kif jiddisponi l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, **dan huwa stat ta' fatt**[2] u ghalhekk kellu jkun applikat dan l-artikolu li jrid li tinghata l-piena l-aktar gravi. B'hekk l-ewwel Qorti kkominat il-massimu tal-piena karcerarja erogabbli skond l-artikolu 32(1)(c) izda ma kkundannatux ghal piena tal-multa;

22. B'applikazzjoni tas-suespost raġunament għall-każ in diżamina, din il-Qorti tqis illi ġjaladarba l-appellanti effettivament jidher li ipprokuraw passaport falz b'intenzjoni li jsiefru bih, jista' jitqies li fl-aħħar mill-aħħar, l-ewwel żewġ imputazzjonijiet f'dan il-każ twetqu bħala mezz għall-fini li eventwalment jiddikjaraw il-falz lill-Awtoritajiet tal-Immigrazzjoni ta' Malta permezz tal-użu ta' passaport

[1] Deċiża nhar it-12 ta' Jannar, 2021.
[2] Emfasi ta' din il-Qorti.

falz u dan kwindi ai termini tal-Artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

23. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, tibqa' il-kwistjoni ta' jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imponietx piena għar-reat prinċipali li kienet żbaljata, żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva fiċ-ċirkostanzi.

24. F'materja ta' appell minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise

a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

25. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa

aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

26. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont

kif imsemmi fis-sentenza ***Butler*** tqis *anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.*

27. In oltre, f'dan il-każ għandna sitwazzjoni ta' fejn l-appellanti appellaw minn sentenza ta' Qorti ta' Maġistrati (Malta) meta huma kienu hekk irreġistraw ammissjoni volontarja u nkondizzjonata għall-imputazzjonijiet kollha hekk miġjuba kontra tagħhom. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Qrati tagħna huwa kopjuż fis-sens illi:

> Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

28. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet kemm fil-parametri li tippreskrivi l-Liġi. Meta dil-Qorti qieset ukoll il-piena inflitta mill-Qrati tal-Maġistrati (Malta) f'diversi kawżi ta' natura simili għal dan in diżamina issib illi l-piena imposta f'dan il-każ - ta' tnax-il xahar priġunerija - hija tassew fin-norma. Anzi, il-massimu li tikkontempla l-Liġi għal ksur tal-Artikolu 32 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa dak ta' sentejn priġunerija jew il-multa ta' Ewro 11, 646.87 jew it-tnejn u għaldaqstant tnax -il xahar priġunerija lanqas ma hija fil-massimu.

29. Kif intqal aktar il-fuq, dawn saru każijiet pjuttost komuni, iżda huma xorta waħda ta' serjeta' liema bħalha hekk kif il-komportament

tal-appellanti jista` jimmina s-sigurta' tal-Istat u għalhekk dan għandu jiġi wkoll rifless fil-piena.

30. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta u ġiusta fl-erogazzjoni tal-piena ta' tnax -il xahar priġunerija f'dan il-każ.

# Deċide

Konsegwentement, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**